# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' April 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Kevin Psaila**

**Kumpilazzjoni Nru: 588/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Psaila detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 252179(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2012 ikkommetta serq ta' television minn go residenza bin-numru 296 Triq Santa Duminka Zabbar ghad-detriment ta' Rosaria Bonello u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-lok u bil-hin.

U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq li sehh fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2012 mill-fond 296 Triq Santa Duminka Zabbar.

Illi l-ufficjal prosekutur xehed[1] u spjega li certa Josephine Bonnici kienet ghamlet rapport f'l-ghassa ta' Haz-Zabbar li mir-residenza fuq imsemmija kien insteraq television. Fl-kors ta'l-investigazzjoni taghhom il-pulizija elevaw diversi impronti mill-fond in ezami u wara li ghamlu l-ezamijiet forensici opportuni rrizultalhom li uhud minn dawn l-impronti kienu jaqblu ma' impronti ta'l-imputat. Konsegwentment l-ufficjal prosekutur baghat ghall-imputat li, ghalkemm konfrontat b'l-evidenza li kellha l-pulizija, innega kwalunkwe involviment. Huwa ghalhekk intalab jaghti l-impronti tieghu biex jerga jsir ezami komparattiv; l-imputat accetta. Rega sar ezami komparattiv u l-konkluzzjoni kienet l-istess. Fil-kors ta'l-investigazzjoni ttiehdu zewg stqarrijiet ta'l-imputat li pero baqa jinnega li kien involut f'din is-serqa[2].

Illi Josephine Bonnici, il-persuna li ghamlet ir-rapport lill-pulizija tressqet bhala xhud[3]. Hija spjegat li l-fond in ezami huwa r-residenza ta' ommha Rosaria Bonello li dak in-nhar kellha disgha u tmenin sena (89) u li kienet giet rikoverata l-isptar gurnata qabel l-incident. Bonello qalet li filghodu ohtha harget timxi u rat il-bieb tad-dar ta'ommhom miftuh u cemplitilha (cioe lix-xhud); hija mill-ewwel ghamlet rapport l-ghassa fejn il-pulizija qalulha biex ma jmissu xejn. Bonnici fil-fatt tghid li huma dahlu fid-dar

[1] Depozizzjoni a fol 14 et seq.
[2] Esebiti bhala Dok FF3 u Dok FF4 a fol 22 u 25 rispettivament.
[3] Depozizzjoni a fol 55 et seq.

flimkien mal-pulizija. Meta dahlu fid-dar sabu li t-television kien nieqes u l-”*cable*” kien ma’l-art u li kien hemm hafna kxaxen miftuhin. Bonnici spjegat li t-television kien tal-marka Toshiba u li ommha kienet xtratu bil-prezz ta’ xi tlett mija disgha u erbghin Lira Maltija (Lm349). In kontroezami[4] iccarat li, meta cemplitilha ohta, hi l-ewwel ghamlet ir-rapport u wara marret hdejn id-dar t’ommha fejn lahqu gew hutha kollha, u baqaw jistennew lill-pulizija barra hdejn il-bieb biex imbaghad dahlu flimkien mal-pulzija. Bonnici spjegat ukoll li fil-fehma taghha min dahal, dahal mit-tieqa (sliding window) ghaliex din kienet tidher li nqalet u regghet tpoggiet bil-maqlub. Bonnici spjegat ukoll li ommha kienet tghix wahedha u li ma kienet iddahhal lil hadd id-dar. Bonnici qalet ukoll li lill-imputat ma tafux u qatt ma ratu qabel. Aktar minn hekk iccarat li ommha, Rosaria, kienet waqat is-Sibt u kien ghalhekk li kellha bzonn tigi rikoverata l-isptar. Dak in-nhar kien hemm hi u hutha jassisitu lil ommhom; meta telqu ghalqu kullimkien u fid-dar kollox kien sewwa. Il-bieb instab miftuh it-Tnejn ta’ wara kmieni fil-ghodu.

Illi xehed PS1576 Simon Grech li kien is-surgent li ha r-rapport. Hu konferma li kien sar ir-rapport u li hu kien mar fuq il-post fejn sab li t-tieqa li kienet fil-livell tat-triq kienet sgassata u li fid-dar kien hemm it-taqlib[5].

Illi PS1261 Charles Grech u PS186 Kristian Mintoff kienu l-ufficjali li fittxew ghal evidenza forensika fir-residenza ta’ Rosaria Bonello; PS1261 ghamel xoghol relatat ma’ impronti u PS186 ghamel xoghol ta’ fotografija[6]. Mir-rapport ta’ PS186[7] u r-ritratti hemm annessi jidher it-taqlib imsemmi kemm minn Josephine Bonnici kif ukoll minn PS1576 Simon Grech. Fir-ritratti a fol 136 u fol 146 tidher television table tal-hgieg; fuqha hemm sinjal ta’ trab li jindika li fuq dik il-mejda kien jinzamm oggett kwadru. Fuq il-mejda jidhru ukoll zewg *remote controls*. Mir-rapport ta’ PS1261[8] jirrizulta ukoll li gew elevati impronti min-naha ta’ barra tat-tieqa li giet sgassata (lifters li ghandhom referenza 12 CXH 301 u 12 CXH 302), minn fuq it-televison table (lifter b’referenza 12 CXH 303), minn fuq il-mera ta’ gwardarobba (lifters li ghandhom referenza 12 CXH 304 u 12 CXH 305), minn fuq in-naha ta’ gewwa tal-purtella tat-tieqa li giet sgassata (lifters li ghandhom referenza 12 CXH 306 u 12 CXH 307)[9].

---

[4] Depozizzjoni a fol 157 et seq.
[5] Ref depozizzjoni a fol 53 et seq.
[6] Id-depozizjzoni ta’ PS1261 Charles Pace qeghda a fol 62 u d-depozizzjoni ta’ PS186 qeghda a fol 120.
[7] Dok KM1 a fol 122.
[8] Dok CP1 a fol 67.
[9] Dawn jidhru ukoll fir-rapport ta’ PS186.

Illi PS70 Omar Caruana kien l-ufficjal li ghamel l-ewwel analizi komparattiva; mill-analizi li ghamel il-lifters bin-numri 301, 302 u 307 cioe dawk li kien hemm mat-tieqa u mal-purtella qablu ma' dawk ta'l-imputat[10]. L-istess ezami komparattiv ghamlu s-surgent maggur Edgar Dalli li wasal ghall-istess konkluzzjoni[11].

Illi fil-kors tal-proceduri odjerni l-Qorti nnominat lil Joseph Mallia bhala espert biex jiehu l-impronti digitali u palmari ta'l-imputat u jaghmel analizi komparattiva ma'l-impronti elevati minn fuq ix-xena tad-delitt. Dan l-ezercizzju sar, u l-espert nominat wasal ghall-istess konkluzzjoni u cioe li l-impronti bin-numri 12 CXH 301, 12 CXH 302 u 12 CXH 307 kienu jaqblu ma' dawk ta'l-imputat.

Illi l-imputat xehed.[12] Huwa jghid li fil-bidu ta' Ottubru kien bejgh karozza lil wahda Ghawdxija, Benna Farrugia, u kien qed jistenniha fi Triq Santa Duminka, Haz-Zabbar hdejn id-dar fejn sehhet is-serqa ghax kellha taghtih xi pagament; waqt li kien qieghed jistenna strah mat-tieqa. Jispjega li lill-ufficjal prosekutur ma kienx qallu b'dan pero jallega li hu nduna li l-post fejn sehhet is-serqa kien propju il-post fejn huwa kien qed jistenna lil din Benna Farrugia ghaliex wara li kellmu l-ispettur it-tieni darba huwa mar fuq il-post. Jghid ukoll li ftit qabel ma ta d-depozizzjoni quddiem din il-Qorti huwa kien rega mar fuq il-post u ha ritratti tal-faccata; erbgha minn dawn ir-ritratti gew esebieti meta kien qed isir il-kontroezami ta' Josephine Bonnici[13] u iehor meta kienet qed tixhed Benna Farrugia[14].

Illi in kontro ezami l-imputat jghid li t-tieqa ta'l-aluminium hu ma fetahiex u ma messiex pero mess mal-purtella ta'l-injam li kienet fuq wara. Mistoqsi mill-Qorti qal li hu ma strahx billi serrah daru mal-hajt imma billi pogga l-pala ta' idejh mal-purtella fuq in-naha ta' gewwa tat-tieqa minghajr ma mess it-tieqa tal-hgieg li kienet fuq in-naha ta' barra.

Illi Benna Farrugia tressqet bhala xhud mill-imputat[15]. Tispjega li hi kienet xtrat karozza minghand l-imputat u kienet qed thallsu b'pagamenti rateali; suppost kellha thallas mitt Euro fix-xahar pero kien hemm xhur meta kienet taqbez il-pagament. Hi tghid li hija kienet toqghod ix-Xaghjra u kienet

[10] Depozizzjoni a fol 28; ir-rapport huwa esebit bhala Dok OC1 a fol 30.
[11] Ref depozizzjoni a fol 51.
[12] Depozizzjoni a fol 177 et seq.
[13] Dok RT1 a fol 169.
[14] Dok RT2 a fol 193.
[15] Depozizzjoni a fol 186 et seq.

tghaddi minn ta' spiss minn Triq Santa Duminka, ghalkemm ma kenitx taf x'jisimha[16]; ghalhekk kienu jiltaqghu hemm biex taghtih il-pagamenti. Farrugia intweriet ritratt mill-avukat difensur ta'l-imputat[17] u hija gharfet dik id-dar bhala d-dar fejn kienu jiltaqghu. Tghid ukoll li t-tieqa tad-dar fejn kienu jiltaqghu qatt ma ratha miftuha. In kontroezami tghid li qatt ma rat lil xi hadd iserrah mat-tieqa tad-dar fejn kienu jiltaqghu; tghid ukoll li fis-sena elfejn u tnax hija ghamlet pagamenti bejn Marzu u Dicembru u li kienu ltaqghu ta' spiss go dik it-triq. Qalet ukoll li l-karozza xtratha fis-sena elfejn u ghaxra, ghamlet zmien ma thallasx u mbaghad regghet bdiet f'Marzu 2012 sa Dicembru 2012.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-verzjoni ta' l-imputat, kif ukoll tax-xhud Benna Farrugia huma inverosimili ghall-ahhar, huma kontradittorji u f'hafna partijiet taghhom ma jaghmlux sens. Skond l-imputat huwa biegh il-karozza f' Ottubru 2012; fi kliemu: *kont bieghejt karozza f'l-ewwel gimgha ta' Ottubru ...*[18]; Farrugia pero tghid li hija kienet xtrat il-karozza fis-sena 2010[19]. Skond Farrugia hi u l-imputat kienu jiltaqghu regolament fi Triq Santa Duminka biex tghaddielu l-pagamenti, pero l-imputat lanqas biss ftakar fejn kien il-post meta kien qed jigi interrogat mill-pulizija u skond hu kien biss meta mar jghaddi minn hemm wara t-tieni darba li kellmu l-ispettur li huwa nduna li l-post li kien semmieghlu l-ispettur kien l-istess wiehed fejn kien jiltaqa ma Farrugia. Aktar minn hekk fil-fehma ta l-Qorti huwa inverosimili li Benna Farrugia setghet tghid b'certezza li d-dar li tidher fir-ritratt (iswed u abjad) li gie muri lilha hija propju d-dar fejn kienu jiltaqghu hi u l-imputat. Hija aktar inverosimili l-ispjega li jaghti l-imputat dwar ghaliex u kif spicca jmiss il-purtella ta'l-injam fuq in-naha gewwa tat-tieqa.

Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma li ma tantx tista' taghti kredibilita li dak li qalu kemm l-imputat kif ukoll Benna Farrugia.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'serq aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

---

[16] Hi tirreferi ghaliha bhala triq dejqa.
[17] Dok RT2.
[18] A fol 177.
[19] A fol 190.

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-ewwel imputazzjoni fuq il-fatt li nstabu l-impronti ta'l-imputat fuq it-tieqa u l-purtella tad-dar minn fejn insteraq t-television.

Illi d-difiza da parti taghha f'l-ewwel lok tissottometti li l-kwerelanta ma marritx hi taghmel rapport ghand il-pulizija u lanqas ngibet bhala xhud u dan huwa fatali ghal sejbin ta' htija; tisottometti ukoll li fi kwalunkwe kaz m'hemmx provi sufficjenti li jorbtu lill-imputat ma' l-akkadut.

Illi jibda biex jinghad li  l-proceduri odjerni huma dwar serq; dan ir-reat huwa prosegwibbli mill-pulizija ex officio ghalhekk mhiex mehtiega kwerela ai fini ta' prosekuzzjoni u konsegwentement il-figura legali ta' kwerelanti ma' tikkonfigurax fil-proceduri odjerni.

Illi jekk fis-sottmissjonijiet taghha d-difiza riedet tirreferi ghall-parte leza, cioe d-debrubata Rosaria Bonello, aktar milli ghal kwerelanta, huwa minnu li Rosaria Bonello ma marritx taghmel rapport u lanqas ma tressqet bhala xhud, pero dan fih innifsu ma jfissirx li hemm xi difett fil-kaz tal-prosekuzzjoni u li l-imputat ghandu necessarjament jigi liberat.

Illi kull persuna tista taghmel rapport lill-pulizija jekk hija jidhrilha li sehh xi reat, anke jekk hija mhiex il-parte leza u m'ghandha l-ebda involviment. Malli jsir rapport dwar il-kommissjoni ta' xi reat, indipendentement minn min jaghmlu, l-Pulizija hija obbligata tinvestiga. Jekk il-pulizija jirrizultalha li verament sehh reat hija obbligata ukoll li tmexxi bil-proceduri oppportuni, aktar u aktar meta l-proceduri huma prosegwibbli ex officio bhal fil-kaz in ezami.

Illi l-fatt li, fil-kaz in ezami, Roasaria Bonello ma tressqitx bhala xhud m'ghandux iwassal ghall-konkluzzjoni skontata li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova li fil-fatt insteraq it-television. Dawn il-fatti, cioe l-ezistenza ta' television fid-dar ta' Rosaria Bonello u s-serq tieghu, iridu jigi accertati mill-kumpless tal-provi u mhux necessarjament mid-depozizzjoni tad-derubata.

Illi Josephine Bonnici hija bint Rosaria Bonello; hija xehedet u ikkonfermat li fid-dar ta'ommha kien hemm television u li dan instab nieqes wara li xi hadd sgassa it-tieqa u dahal fid-dar ta'ommha; hija qalet ukoll kemm kien jiswa it-television meta inxtara. Josephine Bonnici kienet xhud kredibbli u fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita dak li

qalet din Bonnici. Illi skond l-artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' xhud wiehed jekk emmnut hija bizzejjed u taghmel prova shiha u kompluta minghajr il-htiega ta' korroborazzjoni. Pero fil-verita hemm provi ohra li jindikaw li kien hemm television fid-dar ta' Bonello: it-ritratti li juru television table bi trab li jindika li kien hemm xi haga kwadra fuqha u anke zewg remote controls fuq it-television table ezatti hdejn dak il-kwadru furmat mit-trab. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li ngibet prova sufficjenti tal-fatt li fid-dar ta' Rosaria Bonello kien hemm television u li dan insteraq.

Illi dwar l-involviment ta' l-imputat, kif diga ntqal, il-Qorti ma tqisx lill-imputat u li Benna Farrugia bhala xhieda kredibbli u ma tista' taghti l-ebda valur probatorju lill-verzjonijiet taghhom.

Illi min-naha l-ohra hemm il-prova ta'l-impronti ta'l-imputat li instabu fuq it-tieqa tal-hgieg u anke fuq il-purtella ta'l-injam.

Illi dwar x'prova jikkostitwixxu l-impronti u jekk jirrikjedux korroborazzjoni kellha l-opportunita tesprimi ruhha l-Qorti ta'l-Appell Kriminali:

> *L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *[1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn min kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghal lanqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il-bieb ta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss*

*jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.*[20]

Illi Josephine Bonnici qalet li meta s-Sibt hi u hutha telqu mid-dar ta' ommha t-tieqa kienet maghluqa u l-bieb maghluqa. Mir-ritratti formanti parti mir-rapport ta' PS186 Kristian Mintoff jidher li t-tieqa li nstabet sgassata kienet formata minn sliding window ta'l-aluminium u l-hgieg fuq il-parti ta' barra u fuq il-parti ta' gewwa purtella ta'l-injam. L-impronti ta' l-imputat instabu man-naha ta' gewwa tal-purtella ta'l-injam kif ukoll mal-parti ta' barra tal-hgieg.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, u dan fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, din hija prova sufficjenti li torbot lill-imputat mas-serq tat-television ghaliex ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn kellu jkun hemm l-impronti ta'l-imputat b'mod partikolari fuq il-purtella pero anke fuq il-hgieg.

Illi l-imputat qed jigi addebiatat b'serq aggravat; l-aggravji huma dawk dwar mezz, valur, hin u lok.

Illi mill-provi prodotti l-kwalifiki dwar mezz u lok jirrizultaw ampjament, pero l-istess ma jistax jinghad ghall-kwalifiki dwar valur u hin.

Illi mill-provi jirrizulta li Rosaria Bonnello xtrat it-televison meta *kienu ghandhom ihallsu l-licenzja* bil-prezz ta' tlett mija u disgha u erbghin Lira Maltija. Ai fini tal-kwalifika dwar valur dak li jrid jirrizulta mhux kemm kien prezz l-oggett misruq meta nxtara imma kemm kien jiswa fil-mument li nsteraq. Tenut kont li mill-provi jidher li t-television kien ilu li nxtara diversi snin l-Qorti mhiex sodisfatta li ngiebet prova sufficjenti dwar kemm kien jiswa it-television fil-mument li nsteraq ghalhekk ma jistax jinghad li hemm prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li dak in-nhar kien jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Lanqas m'hemm prova li s-serq sehh matul il-lejl jew ahjar bejn inzul u tlugh ix-xemx. Josephine Bonnici qalet li l-ahhar li hija u hutha kienu d-dar ta' ommhom kien is-Sibt; indunaw li kien gara xi haga it-Tnejn fil-ghodu ghallhekk ma jistax jinghad b'certezza li s-serq sehh matul il-lejl.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta inkwanti tirreferi ghal serq aggravat bil-mezz u lok.

[20] Ref Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30.12.2004.

Illi l-imputat qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva. Pero ma gewx prezentati sentenzi in sostenn ta' dan l-addebietu li minnu ghalhekk l-imputat necessarjament ghandu jigi liberat.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati kif ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dwar recidiva u tiliberah minnha, wara li rat l-artikoli 261(b)(e), 263, 264, u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hatib ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal serq aggravat bil-mezz u bil-lok, izda mhux agggravat ukoll bil-valur u hin minn liema zewg aggravji qed jigi liberat, u tikkundannah **sittax (16) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' sebgha mija tnejn u erbghin Euro u sittax il-centezmu (€742.16)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**